# IMĦABBA SIEKTA

Kien dak il-ħin li tmil ix-xemx biex tinżel
Waqt li l-għasfur isamma' għall-aħħar darba
Dik l-għanja ħelwa tiegħu li ġo' qalbek
Tidħol u ġġagħlek tħoss hena tas-sema;
Waqt li mill-bgħid jibda jfewweġ rîħ safi
Li jġib miegħu l-fwieħa tal-għelieqi
Kollha mimlija nwar ta' lewn imżewwaq
Waqt li l-baħar kaħlani, kollu mkemmex
B'żiffa ħafifa, ikun b'dak leħnu ħelu
Tislima jrodd lil Dak li ħalaq kollox;
Meta jien waħdi max-xtajta tal-baħar
Kont sejjer qajla qajla b'rasi l-isfel,
Fil-waqt li kont mitluf fi ħsebijieti
Nisma ġo fija t-taħbitiet ta' qalbi
Jien rajt quddiemi x-xbieha tiegħek, tfajla,
Sbejħa bħal għodwa safja minn tax-xitwa
Sbejħa bħas-sema meta jkun daħkani......
Tbissimt int b'dawk għajnejk kbar u saħħara
Tbissima ħelwa li daħlet ġo qalbi.

* * *

X'għodwa sabiħa kienet dik għalija
Meta jien lilek rajtek l-ewwel darba
Hemm għar-rkobbtejk mixħuta fid-dar t'Alla;
F'qalbi x'ħassejt ma nafx meta f'nofs "Sliema"
(Fil-waqt li kont q'ed nitlob miġbur fija)
Għollejt għajnejja u rajtek hekk sabiħa...
Ma nafx, fl-għaliex skantat bqajt jien inħares
Donni mitluf f'xi ħolma l-iżjed ħelwa.
Iżda minn dak il-ħin ħsiebi tar fuqek
U minnufih ħassejtni mibdul f'ieħor.
—Għalxejn niżżilt għajnejja u komplejt nitlob,
Għalxejn ħarist il-fuq lejn il-quddiesa,
Għalxejn bil-ktieb quddiemi—ma stajtx naqra,
Għax inti biss kont qegħda f'moħħi u f'qalbi.

...................................................................

Lgħada rġajt rajtek fl-istess post bil-qegħda
U l-ġranet l-oħra kollha, dejjem titlob,
Tħares dejjem il-fuq lejn il-quddiesa,
Donnok tistenna li xi ħadd ikelmek;
Fil-waqt li jien b'għajnejja fik imsammra
Kont nitgħaxxaq b'xofftejk nofshom miftuħa
Ħomor bħal-qroll donnhom warda maltija;

Kont nitgħaxxaq b'għajnejk żoroq bħas-sema
Dejjem iħarsu l-fuq, il-fuq qatt lejja;
Nitgħaxxaq kont b'idejk, bojod bħall-ġilju
Imgħaqqdin flimkien, imħaddna t-tnejn fuq sidrek...
Waqt li inti dejjem titlob fik miġbura
Mitlufa qalb dehriet t'Alla u tal-Ġenna,
Anqas biss ma kont taf li jien fid-dinja.

.............................................................

Kien għadda ġmielu ż-żmien, jien sirt inħobbok
B'imħabba safja li trabbiet fi knisja,
Fik biss kont naħseb, għax int biss kont f'qalbi
Fik biss il-hena kont insib... fik biss.
'Ma wara ftit taż-żmien ma rajtekx iżjed
Hemm għar-rkobbtejk mixħuta fid-dar t'Alla,
Ma rajtekx iżjed bħalma rajtek qabel
B'idejk marbuta titlob b'qalbek kollha
—X'kien għadda minn għalik?... Ħadd m'għaraf qalli,
U għal xejn stennejtek għodwa wara l-oħra.

.............................................................

'Ma f'did-dinja kif kollox malajr jgħaddi!
Kif wara l-bidu malajr jiġi t-tmiem!
Il-hena li f'qalbi jien kont bdejt inġarrab
Fis minni dieb biex qatt ma jarġa' lejja.
Inti sirt Soru, u rajtek b'libsa bajda
Fuq dak l-altar fejn xtaqt inkun jien miegħek,
Rajtek titgħaxxaq bl-Anġli sbieħ ma' dwarek
Tħoss ġewwa qalbek l-hena tas-smewwiet,
Fil-waqt li jien imrekken f'rokna waħdi
Xtaqt inħoss f'qalbi l-ferħ li kont tħoss inti.

* * *

Kien dalam sewwa, meta jien sibt ruħi
Mixħut fuq blata nħares lejn il-baħar
Ġa' l-kwiekeb kollha kienu qegħdin jiddu
L-ebda ħoss ċkejken ma kien hemm li jikser
Dik il-ħemda ta' kbura, tant sabiħa,
Ebda sinjal ta' ħajja ma kien jidher
F'dik id-dalma u skiet għaxqa ta' qalbi
U waqt li kont mixħut fuq dik il-blata
Ħassejt tmellisa ħafifa fuq ħaddejja
Ħsibt li kont int, imma int, tfajla, kont Soru;
Ma kienx ħlief riħ ħanin iżigħel bija!

V. Pellegrini.